**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Jannar, 2016**

**Citazzjoni Nru: 883/2009 AF**

**Sundown Court Limited (C-4681)**

**vs**

**Chamber College Limited (C-34019), Mark Bugeja u Joanne De Bono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici pprezentat fil-11 ta' Settembru, 2009, li permezz tieghu, wara li gie premess:

Illi s-socjetà attrici hija proprjetarja ta' Sundown Court Leisure Resort u tiggestixxi l-kirjiet tal-appartamenti fl-istess Resort.

Illi l-konvenuti krew diversi appartamenti minghand is-socjetà attrici ghal zmien definit (ara kuntratti hawn annessi u mmarkati Dok. "SD1" sa Dok. "SD16").

Illi s-socjetà attrici rendiet ukoll diversi servizzi addizzjonali lill-inkwilini tal-appartamenti mikrija lill-konvenuti fosthom servizzi

ta' ikel u xorb oltre hlas ta' srvizzi ta' dawl u ilna ghall-appartamenti mikrija.

Illi fit-13 ta' Novembru 2008, il-konvenuti intimaw li kienu se jitterminaw il-kuntratt peress illi l-Malta Tourism Authority kienet irtirat xi permessi fuq xi appartamenti mikrija lill-konvenuti.

Illi s-socjetà attrici ma kellhiex oggezzjoni ghat-terminazzjoni purché l-konvenuti jhallsu ghall-kirjiet u servizzi forniti sakemm l-istess konvenuti kellhom il-pussess tal-appartamenti u kienu qed igawdu mis-servizzi tas-socjetà attrici.

Illi minkejja d-dikjarazzjoni ta' terminazzjoni da parti tal-konvenuti dawn baqghu jokkupaw l-appartamenti u baqghu jibaghtu studenti inkwilini fl-istess appartamenti mikrija.

Illi l-konvenuti irritonaw il-pussess tal-appartamenti u ddepozitaw ic-cwievet ta' dawn l-appartamenti mas-socjetà attrici nhar id-9 ta' Frar 2009.

Is-socjetà attrici interpellat lill-konvenuti sabiex ihallsu ghall-kirja tal-appartamenti sad-data tar-ritorn tal-pusess effettiv u ghas-servizzi rezi lilhom sa dakinhar (ara l-ittra ufficcjali u l-ittra interpellatorja hawn annessi u mmarkati Doks. "SD17" u "SD18").

Illi l-konvenuti rrikonoxxew dan id-debitu tant li fil-21 ta' Awwissu 2009 hargu pagament lis-socjetà attrici ghal parti mis-somma totali dovuta mill-istess konvenuti (ara kopja ta' cheque hawn anness u mmarkat Dok. "SD19").

Illi l-konvenuti sal-lum fadlilhom ihallsu bilanc fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf hames mija tmienja u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€23,548.86) u dan kif jista' jigi dedott mill-*istatement of account* hawn anness u mmarkat Dok. "SD20" u mill-invoices relattivi hawn annessi u mmarkati bhala Doks. "SD21" sa "SD32").

Illi filwaqt li dan il-bilanc huwa dejn cert, likwidu u dovut, l-istess konvenuti ghandhom ihallsu l-istess bilanc u ma

ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba ghal dan il-hlas.

Illi ghalhekk hu l-kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri tar-rikorrenti gl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf hames mija tmienja u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€23,548.86) oltre imghax u spejjez.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-istess ammont ta' tlieta u ghoxrin elf hames mija tmienja u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€23,548.86) kif ukoll l-imghax u l-ispejjez.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-konvenuti a tenur ta' l-artikolu 170 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha huma kkontestaw il-kawza u talbu l-fakoltà li jipprezentaw risposta formali.

Rat il-verbal tal-Qorti diversament preseduta tat-2 ta' Dicembru, 2009, fejn il-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti tal-21 ta' Dicembru, 2009 li in forza taghha gie eccepit illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet.

Fl-ewwel lok mhuwiex minnu dak allegat mis-socjetà attrici illi l-Malta Tourism Authority irtirat xi permessi, izda jirrizulta illi s-socjetà rikorrenti qatt ma kellha l-permessi necessarji sabiex tikri l-postijiet in kwistjoni u ghalhekk hija qarrqet bl-esponenti meta dahlet fil-kuntratt ta' kiri maghhom taht il-premessa illi l-postijiet kienu koperti bil-permessi kollha necessarji.

Fit-tieni lok mhuwiex minnu illi l-appartamenti kienu okkupati sa Frar 2009, izda gew zgumbrati sa tmiem is-sajf 2008.

Inoltre mhuwiex minnu li l-pagament ta' hamest elef mija u sitta u tmenin Euro u tmienja u disghin centezmu (€5186.98) maghmul mill-esponenti lis-socjetà rikorrenti jirrapprezenta parti mis-somma reklamata. Dan il-pagament kien jirrapprezenta l-hlas li kien dovut lis-socjetà rikorrenti ghas-saldu ta' kull pretensjoni li din seta' kellhom kontrihom, u dan isib konferma fl-ittra legali mibghuta lis-socjetà rikorrenti u datata 7 ta' Lulju 2009 (Dok. A man-nota tas-27 ta' Novembru 2009).

Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà rikorrenti.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Permezz ta' numru ta' kuntratti ta' kera ghal numru ta' appartamenti, elenkati minn Dok. SD1 sa Dok. SD16 mar-rikors promotur tas-socjetà attrici rikonvenzjonata, is-socjetà attrici rikonvenzjonata tat b'kirja lill-intimati rikonvenzjonanti numru ta' appartamenti suppost koperti bil-permessi / licenzji necessarji sabiex minnhom u fihom issir attività turistika ai termini tal-provvedimenti tal-ligijiet vigenti ta' Malta, fosthom l-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-mori tal-perjodi tal-kirja, ittiehdu l-proceduri legali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kemm kontra l-intimati rikonvenzjonanti u kif ukoll kontra s-socjetà attrici rikonvenzjonata talli bi ksur tal-provvedimenti tal-KAP hawn fuq imsemmi, kienu qed jippermettu tmexxija ta' attività turistika minghjar il-permessi validi mahruga mill-Awtorità kompetenti – ghal liema akkuzi il-Qorti msemmija sabet il-htija.

Dan kixef il-qerq li bih mxiet is-socjetà attrici rikonvenzjonata meta ghalkemm kienet taf illi ma kelliex il-permessi u l-licenzji relattivi u ncessarji anke fil-mument tal-kuntratti maghmula mal-intimati rikonvenzjonanti, xorta wahda kkonkludew l-kuntratti, b'dan illi dahhlu lill-intimati rikonvenzjonanti fi spejjez, dannu u pregudizzji kbar, konsistenti f'telf ta' bookings, akkomodazzjoni alternattiva ghall-istudenti taghhom, spejjez ta' vjaggar u spejjez ohra kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Is-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata giet interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni sofferti mill-intimati rikonvenzjonanti, izda baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, tghid is-socjetà attrici rikonvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi s-socjetà attrici rikonvenzjonata hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-intimati rikonvenzjonanti ghar-ragunijiet hawn fuq msemmija.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti, jekk hemm bzonn bil-hatra ta' perit nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata thallas lill-intimati rikonvenzjonanti s-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tieni talba.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra s-socjetà rikorrenti rikonvenzjonata.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjetà Sundown Court Limited ghall-kontrotalba li in forza taghha gie eccepit illi:

Ma hux minnu illi saru xi kuntratti ta' kera ghal diversi appartamenti ghal fini ta' attività turistika.

Ma hux minnu illi s-socjetà Sundown Court Limited ma kienitx moghnija bil-licenzji mehtiega skond il-ligi.

Kuntrarju ghal dak allegat mill-konvenuti s-socjetà esponenti dahlet fi ftehim kontrattwali mal-konvenuti ghal kiri fit-tul (long-let lease) ghal diversi appartamenti u dan kif muri fid-dokumenti Dok. SD1 sa Dok. SD16 mehmuzin mar-rikors promotur.

Fil-fatt il-konvenuti kienu edotti b'dan it-tip ta' kiri peress illi l-ammont ta' renta pagabbli kienet ferm inqas minn dik stabbilita ghal attività kummercjali jew dik turistika.

Ghal dak li jirrigwarda procedura penali jigi rilevat illi dawn huma proceduri separati ghal kaz *de quo* u lanqas ma tista' tikkumenta dwar id-difiza tal-konvenuti. Ghal dak li jirrigwarda proceduri kontra s-socjetà esponenti jigi rilevat illi l-akkuzi kienu jirrigwardaw partijiet sostanzjali tar-Resort hux mertu tal-kawza odjerna u dwar dawn il-proceduri s-socjetà eccipjenti hadet passi ulterjuri peress illi n-nuqqas f'dan il-kaz ma kienx dak tas-socjetà eccipjenti izda tal-awtorità kompetenti.

Ma hux minnu illi l-konvenuti soffrew xi dannu, izda f'dan il-kaz kuntrarju trid issir prova tad-dannu soffert.

L-azzjoni tad-danni intavolata permezz tal-kontro talba hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet maghmula in mala fede.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Rat l-affidavit ipprezentati u rat id-dokumenti pprezentati fl-atti.

Rat il-verbali tas-seduti u x-xhieda kollha moghtija quddiem il-Qorti diversament presjeduta.
Rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat li permezz ta' din il-kawza s-socjetà attrici talbet illi l-Qorti tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; li l-konvenuti jigu dikjarati debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, hames mija tmienja u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€23,548.86), bl-imghax u bl-ispejjez, u li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu l-imsemmija somma ta' tlieta u ghoxrin elf, hames mija tmienja u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€23,548.86), bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi permezz ta' l-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti laqghu billi jghidu li s-socjetà rikorrenti qatt ma kellha l-permessi mehtiega biex tikri l-postijiet in kwistjoni u ghalhekk hija qarrqet bihom meta saru l-kuntratti; qeghdin jikkontendu wkoll illi ma baqghux jokkupaw l-appartamenti saz-zmien kif pretiz mill-attrici sa Frar 2009, izda li l-appartamenti gew zgumbrati sa tmiem is-sajf 2008; u li l-ahhar pagament ta' €5,186.98 li sar minnhom kien a saldu tal-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti.

Il-konvenuti iressqu wkoll kontrotalba li permezz taghha jilmentaw li wara li dahlu f'kuntratti ta' kera ghal numru t'appartamenti (kuntratti esebiti bhala Dok. SD 1 sa SD 16 fol. 6 sa 69 tal-process) suppost licenzjati a tenur tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-mori tal-kirja kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-partijiet kollha involuti f'din il-kawza taht l-imsemmi Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta talli kienu qeghdin imexxu attività turistika minghajr il-permessi validi mahruga mill-Awtorita' kompetenti. Konsegwenza ta' dan, il-konvenuti jsostnu illi l-attrici qarrqet bihom meta dahlet fl-imsemmija kuntratti maghhom u konsegwentement qeghdin jippretendu hlas ta' danni, konsistenti fi spejjez bhal akkomodazzjoni

alternattiva ghall-istudenti, telf ta' bookings, spejjez ta' vjaggar u spejjez ohra.

L-attrici qeghda tichad il-pretensjonijiet tal-konvenuti u tilqa' ghal kontro-talba billi ssostni li l-kuntratti ta' kera ma sarux ghal fini t'attività turistika izda li kienu tat-tip *long let lease* li ghaliha l-konvenuti kienu qeghdin ihallsu kera hafna inqas minn dik stabbilita ghal wahda turistika/kummercjali; illi kellha l-licenzji mehtiega skont il-ligi; illi apparti li l-proceduri penali huma separati minn dawk odjerni, l-akkuzi kienu jirrigwardaw partijiet sostanzjali tar-resort li mhumiex il-mertu tal-kawza *de quo*; huma jichdu li l-konvenuti soffrew xi danni u li fi kwalunkwe kaz trid issir il-prova tad-danni u li l-azzjoni tad-danni giet kontestata bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet saru in *mala fede*.

Id-direttur ta' l-attrici, Richard Cassar, fl-affidavit tieghu jishaq li huwa  ghandu diversi tipi t'appartamenti, appartamenti li jinkrew *short let* lil turisti li ghalihom ghandu licenzja taht il-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta (u li ghalihom ir-rata ta' hlas hija wahda kummercjali li jithallsu bil-gurnata li hija kkunsidrata bhala gholja), u appartamenti li jinkrew *long-let* lil residenti Maltin (bi prezz baxx li jithallas fix-xahar). F'Jannar 2007 huwa applika sabiex jigu deregistrati xi blokkok t'appartamenti peress li l-attrici allegatament kellha tnaqqis fit-turizmu (Dok. RC11 a fol.126 u 127 tal-process).  Huwa jghid li baqa' minghajr risposta minghand l-Awtorità kompetenti.

Fis-sajf 2007 il-konvenuti avvicinaw lill-attrici sabiex jikru zewg blokok t'appartamenti ghal short lets ghas-sajf 2008 u gew rifjutati.  Konsegwentment dahlet talba minn agenzija ghal kirja ta' appartamenti tat-tip *long let* u wara li giet spezzjonata l-proprjetà, intghazlu l-appartamenti u f'Jannar 2008 saru l-kuntratti fuq sitt appartamenti tat-tip *long let* bejn Richard Cassar ghan-nom ta' Sundown Court Limited u l-konvenut Mark Bugeja li deher fuq il-kuntratti (Dok. SD 1 sa Dok SD 6 fol. 6 sa 29 tal-process).  Fuq il-kuntratti d-direttur tas-socjetà attrici jghid li kera lil residenti Maltin u li ma kellhomx dritt li jissullokaw.  Huwa jargumenta li ladarba l-konvenut issulloka l-appartamenti (minghajr il-permess tieghu) lill-barranin, dan kien riskju tieghu peress li qatt ma ntalab li l-appartamenti

jkunu licenzjati ghall-fini ta' turizmu. Min-naha taghhom il-konvenuti bdew jirreklamaw l-iskola taghhom ghat-taghlim ta' l-ingliz liema riklam kien jinkludi referenza u ritratti tal-proprjetà Sundown Court.

Il-Manager tas-socjetà attrici Miriam Caruana tispjega li l-ewwel darba kienu marru jzuru Sundown Court il-konvenuti Mark Bugeja u Joanne De Bono bl-iskop li jikru *short lets*, izda tghid li ma ntlahaqx ftehim f'dak l-istadju. Sussegwentement dahlet fix-xena certa Tessie Ciantar ghan-nom t'agenzija bl-isem ta' Property Planet sabiex tinnegozja kiri t'appartamenti *long lets*. Jigi osservat li hadd mill-partijiet ma ressaq lil din ir-rapprezentant ta' l-imsemmija agenzija sabiex tixhed.

Madanakollu jidher inkontestat li qabel ma gew iffirmati l-ewwel sitt kuntratti kien determinat li l-kuntratti kienu ser jigu ffirmati minn Mark Bugeja personalment. L-istess xhud tispjega li xi xahrejn qabel ma gew iffirmati l-kuntratti sar hlas bhala depozitu fuq numru t'appartamenti u kien hawn li rrizultalha li l-hlas kien qieghed isir minn Chamber College. Irrizulta wkoll li fl-ewwel sitt kuntratti il-konvenut Bugeja kiteb il-kelma studenti fuq dawn is-sitt kuntratti biswit il-klawzola relattiva ghas-sullokazzjoni biex ikun car li l-kiri ma kienx ghal uzu personali izda ghall-akkomodazzjoni ta' l-istudenti.

Sussegwentement in-negozjati kollha ghall-kiri t'appartamenti ohra kienu saru direttament mal-konvenuti Mark Bugeja u Joanne Debono. Ghalkemm it-tieni set ta' kuntratti igibu d-data ta' l-1 ta' Marzu 2008, irrizulta li dawn il-kuntratti kienu ffirmati fis-16 t'April 2008 (skond il-kuntratti esebiti a fol. 185 sa 224 tal-process). Mill-korrispondenza elettronika esebita mill-konvenuti datata 8 t'April, 2008, (a fol. 230 tal-process) jirrizulta wkoll li l-kiri ta' l-appartamenti kien qieghed isir ghall-istudenti. F'April 2008 inkrew ghaxar appartamenti ohra. Kien ovvju ghall-attrici f'dan l-istadju li l-konvenut Mark Bugeja ma kienx qed jikri ghalih personalment. Ghalkemm dawn l-ghaxar kuntratti huma intestati f'isem Mark Bugeja, irrizulta li dawn l-istess kuntratti gew iffirmati mill-konvenuta l-ohra Joanne Debono, it-tnejn diretturi tas-socjetà konvenuta l-ohra Chamber College Limited.

Ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi jixhed li huwa sar jaf li l-Awtorità kompetenti kienet ħadet azzjoni fuq l-ittra tiegħu għal-deregistrazzjoni, f'April tas-sena 2008 meta ntbagħat l-Avviż għat-Tiġdid ta' Liċenzja mill-Awtorità kompetenti li huwa datat 17 ta' April, 2008 (esebita bħala Dok. RC 2 a fol. 116). Ma jirriżultax li l-attriċi ħadet passi sabiex tirregolarizza l-posizzjoni tagħha mal-awtorità kompetenti wara d-deregistrazzjoni, minkejja li f'April 2008 kienet ormai konxja tal-fatt li seħħet id-deregistrazzjoini u hija effettivament kienet ben konsapevoli li kriet l-appartamenti bl-iskop li fihom joqogħdu l-istudenti barranin (ara dokument esebit a fol. 231 tal-process).

Il-Manager tas-soċjetà attriċi, Miriam Caruana tikkonferma li hija kienet konxja li l-appartamenti kienu ser jinkrew għall-fini li jospitaw studenti barranin u dan huwa korraborat inoltre permezz ta' korrispondenza elettronika esebita mill-konvenuti (a fol. 230 sa 238 tal-process). Hija tixhed ukoll li ma kienitx konxja tad-deregistrazzjoni li kienet ġiet fis-seħħ fuq talba ta' l-istess soċjetà attriċi. Il-konvenuti jixhdu li xtraw ukoll xi sodod u bi qbil mal-Manager daħlu aktar sodod fl-appartamenti sabiex jakkomodaw aktar studenti. Mill-provi attriċi jiġi ribadit ukoll li lejn l-aħħar tas-sajf kienu bdew jonqsu l-istudenti u li kien għalhekk li l-konvenuti talbu it-terminazzjoni tal-kuntratti ta' kera.

Il-konvenuti ressqu bħala xhud lil Noel Agius, uffiċjal tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta li kkonferma li minħabba li kienu qed jiġu akkomodati studenti barranin f'appartamenti mhux koperti bil-permess neċessarji, ttieħdu proċeduri kriminali kontra Chamber College li madanakollu ġew liberati. Sundown Court, li ukoll iffaċċjaw l-istess akkużi, ammettew l-akkużi. Konsegwentement il-konvenuti kellhom jibdew jsibu akkomodazzjoni alternattiva lill-istudenti fi żmien qasir, li minflok kellhom jiġi allokati f'diversi lukandi u ta' dan il-konvenuti batew l-ispejjeż.

Il-konvenuti ppreżentaw prospett ta' danni fl-ammont komplessiv ta' erbatax-il elf sitt mija u tnax-il euro (€14,612) fol. 266 sa 313 tal-process, li huwa bażikament maqsum fi tliet kategoriji:

A – Spejjez relatati ma' Fiera fi Praga - €3156
B- Spejjez addizzjonali ghal Akkomodazzjoni Alternattiva - €8721

C- Telf realizzat minhabba t-trasferiment ta' l-istudenti - €2735

**Responsabbiltà Personali tal-Konvenuti**

Illi jirrizulta li waqt in-negozju bejn il-partijiet, jidher li meta il-konvenut Mark Bugeja u sussegwentement il-konvenuta Joanna Debono ffirmaw il-kuntratti, imkien ma specifikaw illi huma kienu qeghdin jidhru fuq il-kuntratti f'isem is-socjetà Chamber College Limited u mhux f'isimhom personali. Dan minkejja illi meta l-konvenut Bugeja kellu l-kuntratti ghandu sabiex jimla d-dettalji mehtiega u ghall-firma tieghu u ried ikun car li l-kirjiet kienu bl-iskop li jospitaw l-istudenti, nizzel il-kelma "STUDENTS" fit-tielet pagna ta' kull kuntratt li iffirma. L-istess fil-kaz tal-konvenuta Debono meta in kontro-ezami tixhed li hija ffirmat il-kuntratti digà ffirmati minn Sundown Court u li hi ffirmathom l-ufficcju taghhom. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li kien jinkombi fuq il-konvenuti Bugeja u Debono li jkunu cari u inekwivoci meta kienu qeghdin jikkonkludu n-negozju jekk riedu jikkontrattaw biss f'isem haddiehor u mhux personalment.

Illi dan il-principju gie kostantament applikat mill-Qrati taghna. Hekk, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Mizzi et noe. v Teddie (sive Edward) Borg** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju, 1990, qalet hekk:

> *"Ladarba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamilhiex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel."*

Japplika ghal dan il-kaz anke l-osservazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Lawrence Formosa et nomine v Silvio Felice**, 6 t' Ottubru 1999:-

> *"Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji.* ***Fejn hemm dubju però, wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju****"*. (enfasi mizjud)

Inoltre kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fis-sentenza tal-20 t'Ottubru, 2003, fl-ismijet **Legend Real Estate Limited v Ron Chetcuti :**

> *"Certament il-qofol tal-kwestjoni f'dan il-kaz hu illi l-ammont reklamat kien kjarament naxxenti minn obbligazzjoni kontrattwali stipulata u preskritta fil-ftehim tal-11 ta' Frar 2000 (fol. 17). Obbligazzjoni din sottoskritta mill-konvenut appellant personalment u mhux minnu ghan-nom ta' xi kumpanija tieghu. Ghalhekk kellha titqies bhala wahda purament personali u l-appellant ma jistax, lanqas ghall-fatt illi hdejn ismu fl-introduzzjoni tal-iskrittura jiffiguraw il-kliem fil-brackets "Chetcuti Ent.", jippretendi li l-obbligazzjoni ghandha tigi estiza ghat-terz, ossija s-socjetà rapprezentata minnu.*
>
> *Biex seta' jkun diversament l-appellant htieglu jgib provi konklussivi in sostenn tal-pretensjoni u l-linja difensjonali tieghu. Huwa kellu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjetà gestita minnu* ***imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta` appellata kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rapprezentanza tas-socjetà tieghu.*** *Dan hu abbondantement pacifiku fil-gurisprudenza taghna".* (enfasi mizjud).

Din il-Qorti tqis illi meta negozju jkun gestit minn socjetà b'responsabilità limitata u ghaldaqstant minn persuna guridika

indipendenti, huwa obbligu taghha li tindika dan bl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor. (Ara f'dan is-sens Camel Brand Limited vs Debono - Prim'Awla 21 ta' Marzu 2002).

In kwantu ghall-fatt li rrizulta li saru pagamenti lill-attrici mis-socjetà konvenuta Chamber College Limited, ghall-fini ta` kompletezza, din il-Qorti taghmel riferenza ghall-Art. 1149 tal-Kap 16 li jaqra hekk –

> *"(1) Il-kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna, jekk il-ħlas ikun ta` vantaġġ għad-debitur.*
>
> *(2) Dan igħodd ukoll meta l-oġġett tal-obbligazzjoni huwa li wieħed jagħmel xi ħaġa, basta li, f 'dan il-każ, il-kreditur ma jkollux interess illi l-obbligazzjoni tiġi esegwita mid-debitur innifsu, u l-esekuzzjoni tiġi offerta minn terza persuna fuq talba tad-debitur."*

Inoltre, kif huwa ben risaput, pagament minn terz ma jezonerax lid-debitur principali sakemm mhux hekk miftiehem espressament.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li nonostante li l-attrici interpellat bonarjament lill-konvenuti Bugeja u Debono personalment, kif ukoll ufficjalment sa minn Gunju 2009, hekk ukoll minkejja li l-konvenuti gew imharrka personalment permezz tal-proceduri odjerni f'Settembru 2009, kien biss fix-xhieda permezz t'affidavit imressqa mill-konvenuti f'Jannar 2011 li semmew ghall-ewwel darba li huma ttrattaw, innegozjaw u kkonkludew il-ftehim f'isem is-socjetà konvenuta Chamber College. Madankollu ghalkemm dan il-punt jerga jissemma fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhhom, il-konvenuti baqghu qatt ma talbu li jressqu eccezzjoni ulterjuri f'dan is-sens. Din il-Qorti tirrileva li l-konvenuti damu sentejn biex iqajjmu dan il-punt u sussegwentment jergghu jhallu sentejn ohra jghaddu u jibqghu ma jressqux talba formali sabiex titressaq eccezzjoni ulterjuri, izda minkejja dan kollu ssir is-sottomissjoni li ghandhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti ghalhekk

tirritjeni li huma t-tliet konvenuti li ghandhom jirrispondu ghall-pretensjonijiet ta' l-attrici.

L-ammont reklamat mill-attrici huwa naxxenti minn obbligazzjoni kontrattwali stipulata u preskritta skont il-kuntratti ta' kera esebiti miz-zewg partijiet. Issa fil-kuntest ta' "*pacta sunt servanda*", referenza ssir ghall-gurisprudenza estensiva, fir-rigward f'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Novembru 1997**,** fl-ismijet **Eric Schembri et noe v Lewis Baldacchino,** inghad:

> *"Fil-fehma tal-Qorti, il-qofol u l-pedament ta' kull liġi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – ċjoé ir-rationallis principium huwa li pacta sunt servanda."*

Illi l-provvedimenti rilevanti tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward huma:

> **"1002.** *Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.*
>
> ***1003.*** *Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet".*

Sentenza ohra ta' din il-Qorti (diversament preseduta) fl-ismijiet **Salvu Fenech et v Malta Dairy Products Limited et** deciza 30 t' Ottubru 2003**,** ittenni l-principju fir-rigward:

> *"Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 –* ***"Gloria mart Jonathan Beacom et v L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines").***

Illi tkompli tgħid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn appena citata li:-

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aġġjunta għall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu"* (Vol. XXXIV, P. III., p.746).

*Illi inoltre ġie deċiż illi "il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet preveduta u li kien hemm bzonn li tiġi maqtugħa, u din għandha tiġi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines**" – ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** – P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"** – P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001)....*

*Illi dan iwassal għall-prinċipju ieħor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni. **("Joseph Francis Depares nomine vs John o'Dea nomine"** – A.C. – 25 ta' Ġunju 1996).*

*Illi l-konsegwenza ta' kull ftehim għalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jagħmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti għandhom ikunu nterpretati in bona fede (**"Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et"** – P.A. (WG) 30 ta' April 1987)."*

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li minn naha taghha l-attrici kienet ben konsapevoli tal-fatt li hija kienet qeghda tikri l-appartamenti mertu tal-kawza lill-konvenuti ghall-finijiet sabiex jigu ospitati fihom l-istudenti. Il-konvenuti jippruvaw illi

l-intenzjoni taghhom minn dejjem kienet hekk peress li kif rajna qabel, mill-ezami tal-provi rrizulta kemm mix-xhieda tal-partijiet, kif ukoll minn provi ohra dokumentali, bhalma huma l-fatt li l-konvenut Bugeja kiteb il-kelma "STUDENTS" biswit il-klawzola 17 tal-kuntratt, fuq l-ewwel sitt kuntratti, il-korrispondenza elettronika, kif ukoll il-fatt li ddahhlu sodod zejda fl-appartamenti sabiex jakkomodaw aktar studenti. Inoltre kellu jkun ovvju ghall-attrici li bniedem ma jikrix sittax-il appartament ghalih innifsu. Dan ixejjen l-argumenti ta' l-attrici dwar il-fatt li l-kuntratti kienu tat-tip *long let* u saru lil resident Malti minghajr dritt ta' sullokazzjoni.

Madanakollu jirrizulta wkoll b'mod inekwivoku li meta l-konvenuti ma sehhilhomx li jikru l-appartamenti li riedu permezz ta' *short lets,* qabdu agenzija sabiex tramite l-istess irnexxielhom jikkonkludu ftehim fuq l-ewwel sitt appartamenti *long lets* bi prezz orhos, minghajr ma wettqu l-verifiki opportuni dwar il-licenzjar ta' l-istess appartamenti, liema licenzji huma mehtiega bil-ligi taht il-Kap. 409. Il-konvenuti rrizultaw li kienu aktar interessati li jakkwistaw l-appartamenti li riedu bi prezz vantaggjuz milli jaghmlu l-verifiki opportuni. Konsegwentement il-konvenuti ma jistghu jwahhlu f'hadd ghal dan in-nuqqas ghajr fihom infushom.

Illi mill-istess kuntratti jirrizulta illi l-partijiet dahlu ghal kuntratti ta' kera fuq id-diversi appartamenti ghall-perjodu ta' sena. Izda rrizulta wkoll li kif jishqu l-konvenuti, kollox sfratta hekk kif l-Awtorità tat-Turizmu ta' Malta infurmathom li kienet qeghda tinkiser il-ligi, peress li l-appartamenti ma kenux debitament licenzjati biex joperaw skond l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjagar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409) u dan wassal sabiex il-konvenuti kellhom isibu akkomadazzjoini alternattiva lill-istudenti taghhom. Din il-Qorti tqis li l-konvenuti huma obbligati li jhallsu lill-attrici ghal-kera u ghas-servizzi li bbenefikaw minnhom tul il-perjodu li baqghu jokkupaw l-appartamenti a bazi tal-principju hawn fuq imsemmi ta' *pacta sunt servanda.*

Ghalkemm il-konvenuti fid-difiza taghhom jghidu li huma zgumbraw mill-appartamenti fis-sajf tas-sena 2008, sussegwentement, in kontro-ezami, il-konvenuta Debono

tikkoncedi li huma ma rritornawx ic-cwievet mal-ewwel u li f'Novembru 2008 kien ghad hemm studenti fl-appartamenti. Inoltre l-provi precizi ta' l-attrici fir-rigward ta' meta gew ritornati c-cwievet (fid-9 ta' Frar 2009) ma gewx kontrastati mill-konvenuti. Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici l-kera ghall-perjodu li fih baqghu jokkupaw l-appartmenti, inkluz ghas-servizzi kollha li setghu bbenefikaw minnhom. Lanqas ma tirrizulta pruvata l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-pagament li sar f'Awwissu 2008, kien effettivament inhareg a saldu tal-pretensjonijiet attrici.

Dwar l-allegat qerq il-Qorti tqis illi l-Art. 981 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk :–

> ***"981.*** *(1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat."*

Huwa ritenut illi min jallega li parti fuq kuntratt qarraq biha sabiex jigi konkluz ftehim irid jaghmel il-prova tad-dolo, irid jipprova li r-raggiri uzati jridu jkunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta. Inoltre min seta' jivverifika l-affarijiet ma jistax sussegwentement igib id-difiza ta' dolo.

Illi kif intqal tajjeb fis-sentenza **P.L. Joseph Zammit noe et v. Joseph Fenech et** (Prim` Awla 4 ta` Marzu 2004):

> *"...l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikultà zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex f'kaz bhal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq."*

Din il-Qorti jidhrilha li fil-kaz odjern mhux biss ma jirrizulta ebda qerq, izda l-fatti kienu facilment accertabbli u l-partijiet setghu b'uzu ta' diligenza ordinarja, ikunu jafu c-cirkostanzi kollha tal-kaz sabiex jirregolaw ruhhom ahjar. Il-partijiet,

minhabba c-cirkostanzi partikolari taghhom, accettaw li jiffirmaw il-ftehim u li jkunu marbuta bit-termini tieghu.

Inoltre permezz tas-sentenza tat-3 ta` Marzu 2011 fl-ismijiet **Frank u Emmanuela maghrufa bhala Lilian konjugi Frendo v Joseph Vella et,** il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk :–

> *"Illi biex il-qerq jivvizzja l-kunsens ta' parti f'kuntratt jehtieg li (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (c) b'mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d) fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur lil hinn minn ftahir esagerat dwar xi kwalità tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwistjoni." (Joseph Mifsud noe v. Paul Tanti, Prim'Awla, 4 ta` Frar, 1965).*

Din il-Qorti ma tarax li fil-kaz odjern kien hemm l-imsemmija elementi ta' qerq fin-negozju li sehh bejn il-partijiet, izda il-kuntratti konkluzi bejniethom, kien rizultat ta' negozju konvenjenti ghaz-zewg partijiet fejn hadd mill-konvenuti ma ghamel id-debiti verifiki u hadd minnhom ma ha l-briga li jiddiskutu sew il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, b'dan illi l-istess kundizzjonijiet jigu riflessi fil-ftehim bil-miktub. Il-konvenuti ma jistghux jaharbu mill-obbligi taghhom hekk kif pattwiti, meta ghamlu uzu mill-appartamenti *de quo* kif ukoll mis-servizzi provduti mill-attrici ghal dawk l-istudenti li baqghu f'Sundown Court.

Skartata b'hekk l-ipotezi ta' qerq, din il-Qorti tqis li s-socjetà attrici rnexxielha tipprova li t-talba taghha hija gustifikata u timmerita li tintlaqa'. L-intimati baqghu jospitaw l-istudenti taghhom fl-appartamenti *de quo* u baqghu bic-cwievet fil-pussess taghhom sa' Frar 2009.

## Kontro-talba

Ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba mressqa mill-konvenuti, din il-Qorti wkoll tinsab konvinta li n-nuqqas ta' l-attrici li tiehu l-passi mehtiega biex izzomm licenzja valida ghall-appartamenti, li zgur hija kienet konsapevoli li fihom kien ser ikun hemm l-istudenti, u dan qabel ma gew iffirmati l-ghaxar kuntratti f'April 2008, kif jirrizulta mid-dokument esebit bhala Doc. MB 1 a fol. 230 tal-process, wassal sabiex il-konvenuti ma setghux jibqghu jaghmlu uzu mill-imsemmija appartamenti ghaz-zmien pattwit. Dan wassal sabiex l-istess konvenuti batew danni konsegwenzjali bhalma huma l-akkomadazzjoni alternattiva u servizzi ohra li kellhom ihallsu ghal dawn l-istudenti.

Illi kif ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru, 2010, fl-ismijiet: **Distinct Conversions Ltd. v. Joseph Pitre' et.:**

> *"Ghar-rigward tad-danni, din il-Qorti tghid li l-Art. 1125 tal-Kap. 16 jistabilixxi li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat ghalih irid jaghmel tajjeb ghad-danni li tkun garrbet il-parti li maghha kien intrabat (ara – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/PS – 23 ta` April 2010 –* ***"Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd"****). Skond l-Art.1135 tal-Kap.16, dawn id-danni jikkonsistu fit-telf li l-kreditur ikun sofra u fil-qligh li jkun tilef minhabba l-inadempiment. Issa ladarba d-danni huma ex contractu l-ghan taghhom irid ikun dak li jaghmlu tajjeb ghall-hsara li l-parti kontraenti li ma tkunx inadempjenti turi li batiet minhabba l-ksur kontrattwali tal-parti l-ohra. Danni derivanti minn inadempjenza kontrattwali ghandhom ikunu ristretti u relatati ma' dik l-inadempjenza u ghandhom ikunu konsegwenzjali ghaliha ('****Galea v. Combinati Transport Serv. Ltd'*** *- Qorti ta' l-Appell - 30 ta' Marzu 2001)*. *Propju ghalhekk fis-sentenza moghtija fil-15 ta` Dicembru 1952 (Kollez. Vol. XXXIV.I.367) mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "****Calleja noe vs Mamo et noe****" inghad li dawn id-danni ma jistghux ikunu ghodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkazjoni ghall-parti adempjenti li tarrikkixxi ruhha bi hsara ghall-parti inadempjenti."*

Ma jirrizultax li d-danni li sofrew il-konvenuti kienu kif tghid l-attrici "frott il-malizzja u qerq tal-konvenuti" izda jirrizultaw mill-fatt li l-kuntratt kellu jigi terminat qabel il-waqt in vista tal-passi li ttiehdu mill-Awtorità kompetenti fil-konfront tal-partijiet u li gieghel lill-konvenuti jsibu lokazzjoni alternattiva ghall-istudenti.

L-ispejjez li gew inkorsi biex jigu akkomodati l-istudenti wara li l-konvenuti gew mizmuma milli jkomplu juzaw l-appartamenti Sundown Court, kienu spejjez essenzjali ghall-konvenuti.

Il-konvenuti pprezentaw prospett ta' danni li waqt is-smigh tal-provi giet ikkwantifikata fl-ammont ta' erbatax-il elf sitt mija u tnax-il euro (€14,612) a fol. 266 et seq tal-process. Dan it-total huwa maqsum fi tliet kategoriji:

A - Spejjez relatati ma' Fiera fi Praga - € 3156;
B - Spejjez addizzjonali ghal Akkomodazzjoni Alternattiva - €8721; u
C - Telf realizzat minhabba t-trasferiment ta' l-istudenti - €2735.

Din il-Qorti tqis li l-konvenuti sehhilhom jippruvaw li soffrew danni konsegwenza tal-agir tas-socjetà attrici. Madanakollu filwaqt li l-ispejjez taht is-sezzjonijiet B u C jirrizultaw gustifikati, ma jistax jinghad l-istess ghal dawk l-ispejjez relatati mal-Fiera f'Praga taht is-sezzjoni A. L-ewwel nett skond kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol. 267 *et seq* tal-process, il-fiera saret f'zewg okkazzjonijiet - f'Novembru 2008 u f'Marzu 2009. Jigi nnutat li sa dak iz-zmien il-konvenuti kienu jafu bis-sitwazzjoni tal-proprjetà tas-socjetà attrici li mhix debitament licenzjata hekk kif titlob il-ligi peress li kif rajna dan saru jafuh fis-sajf 2008. Barra minn hekk din il-Qorti tinsab konvinta li l-iskop li l-konvenuti ppartecipaw fil-fiera/fieri kien primarjament sabiex ihajjru lil min jigi jistudja fl-iskola taghhom biex jistudja l-Ingliz u mhux biex jaghmlu reklam lill-attrici. Ghalhekk din il-parti tal-pretensjoni tal-konvenuti ma tirrizultax misthoqqa. Peress li l-ammont ta' danni dovut lill-konvenuti qieghed jigi liwidat illum, l-imghax ghandu jibda

jiddekorri mid-data tas-sentenza u dan skond il-principju ta' *in liquidandis non fit mora.*

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' billi:-

Tiddeciedi t-talba billi tichad l-eccezzjonijiet kollha li ressqu l-konvenuti u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti kontra t-tliet konvenuti u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, flimkien u solidament bejniethom jhallsu lill-attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, hames mija tmienja u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€23,548.86), bl-imghax kif titlob il-ligi;

Taqta' u tiddeciedi kontro-talba billi tichad l-eccezzjonijiet kollha li gabet is-socjetà attrici; u

Tilqa' il-kontro-talba tal-konvenuti u tiddikjara s-socjetà attrici rikonvenzjonata responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenuti. Ghalhekk tillikwida d-danni favur il-konvenuti fl-ammont ta' hdax-il elf erba' mija u sitta u hamsin euro (€11,456) u tikkundanna lill-attrici thallas lill-konvenuti s-somma ta' hdax-il elf erba' mija u sitta u hamsin euro (€11,456) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza ghandhom jithallsu nofs bin-nofs kull wiehed bejn is-socjetà rikorrenti u l-konvenuti kollha flimkien u solidalment bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG